
Il-mitħna
Il-blata li taqa' u
tagħlaq l-Għar
tar-Rieqed
L-għar
tal-Bambin
Il-forn
Il-masġar
L-Irdum l-Ikrah
Blata li minnha
jaqa' l-Adoratur
L-għerien
Il-Mara
tal-Ħatab
Il-passaġġ
skabruż
Wied il-Ħarrub,
fejn jaqa'
l-Adoratur
Iċ-ċikken
tar-Rgħajja
Fejn jitwieled
il-Bambin
L-għadira
Il-bir
L-għelieqi

# 1

*Meta jasal Diċembru, l-anġli jħabbru fil-qalb tat-tfal ċkejkna li daqt jasal il-Milied. It-tfal imbagħad jibdew jgħoddu l-affarijiet tajba li għamlu matul is-sena biex jaraw jekk Santa Klaws iġibilhomx rigal sabiħ jew le. Mal-lejl meta n-nanniet jiġu biex imiddu rashom fuq l-imħadda, moħħhom jimraħ fil-Milied ta' tfulithom: il-ġulbiena folta leqqiena, l-imbuljuta sħuna li kienet tagħmel ommhom u l-fwieħa tan-narċis impoġġi quddiem Ġesù Bambin.*

*Meta kull dħul Diċembru kien jiġri dan, in-nannu kien jgħid li xi ħaġa maġika, misterjuża kienet isseħħ fil-kaxxa tal-pasturi.*

*Din il-kaxxa kienet waħda qadima tal-injam, li rat lin-nannu, lil missieri u lilna ta' kull sena ngħollu l-għatu tqil u ndeffsu mneħirna fil-kaxxa. Hemm fid-dalma konna naraw 'il-pasturi jonogħsu, sakemm jistennew li jasal il-Milied. Il-kaxxa kienet tittawwal għal fuq il-presepju vojt imsorġi fuq mejda mdaqqsa.*

*Imdendla warajh, kien hemm xena li turi l-lejl kwiet, kiesaħ tal-Milied fil-kampanja Maltija. Fuq quddiem tax-xena kien hemm ħajt twil tas-sejjieħ bl-irjus tal-pal tal-bajtar jittawlu minn warajh. Ftit aktar 'il bogħod kien hemm xi siġar tal-ħarrub imgeddsa ma' ħajt għall-irdoss. Bejn il-ħarrub kienu jidhru żewġ irziezet. Wieħed fil-bogħod u l-ieħor lejn in-nofs. Dan tal-aħħar kellu d-dawl inemnem mit-tieqa żgħira tal-għorfa. Bejn iż-żewġ irziezet kien hemm girna nofsha mgħottija b'siġra antika taż-żebbuġ. Impittra 'l bogħod fuq ix-xefaq kont tista' tara s-swar suppervi u imponenti ta' din il-belt, jittawlu minn fuq l-għolja.*

***

Il-kliem kien donnu ħiereġ waħdu mill-ponot ta' subgħajja għal fuq it-tastiera tal-kompjuter. Imma ma kien jiswa xejn! Dan mhux kliem ta' ġurnalist. L-Editur żgur kien iġibhuli trietaq ... u kien ikollu raġun. Imma moħħi kien għadu mnixxef, ma stajtx nemmen sewwa dak li kont rajt, jew aħjar esperjenzajt.

Ħa nibda mill-bidu, ara.

Xi jumejn ilu l-Editur qabbadni biex nikteb artiklu dwar il-Milied.

Il-Milied Malti, biex inkun preċiż.

Baħaħa! Jien, Samwel Vella, ġurnalist investigattiv, li nikteb dwar każijiet jaħarqu li jikxfu l-għawar, taħseb li kont se naċċetta li nikteb fuq xi ħmerija bħal din? Ma tarax!

"U ħallina tridx, jaqaw m'għandekx x'tagħmel dalgħodu?" għedtlu nitbissem.

"Ara l-ieħor! Jien bis-serjetà qed ngħidlek," weġibni l-Editur, frisk bħal ħassa minn wara l-iskrivanija.

It-tbissima malajr għebet minn fuq wiċċi. "U ejja. Din biċċa xogħol għal Marija. Dik tħobbu dan l-imbarazz," bdejt nitmasħan.

"Marija qed taħdem fuq storja oħra. L-artiklu tal-Milied f'idejk."

"Tajba wkoll, għax jien qiegħed b'idi fuq żaqqi," komplejt.

"Irrid artiklu ta' malajr, u int tinqala'."

Is-soltu tattika tiegħu: jidlikni bix-xema'. Imma din id-darba mhux se naqa' għalih.

"Mhux hekk! Meta jkollok bżonn min isoddlok it-toqob, lili ssib."

"U ajma kemm se ġġibha bi kbira! Taf li dejjem jirnexxilek toħroġ b'xi ħaġa oriġinali," kompla.

"Ma tridnix nikteb fuq kemm il-ħasi u d-dundjani jħobbu l-festa tal-Milied hux?" weġibtu b'ton sarkastiku.

"Hemm int, għandek l-istorja lesta!" weġibni

b'daħqa rebbieħa, hekk kif reġa' dar jittajpja u jħares lejn l-iskrin tal-kompjuter.

Imma kif ma nitgħallem qatt! Għandi 35 sena, missier ta' tlett itfal, ilni għaxar snin naħdem bħala ġurnalist, tmienja minnhom qattajthom ma' dan l-Editur, u għadni ma tgħallimtx nagħlaq ħalqi. *Ħaqqni*, ħsibt bejni u bejn ruħi hekk kif ħriġt sparat, indannat mill-uffiċċju.

Kelli n-nofstanhar frank, għax it-tfal kellhom jiskulaw kmieni, u kien imiss lili niġborhom. Kien għadu naqra ħin u ddeċidejt li naqbeż qabża s'għand ommi u missieri li dakinhar kellhom ikunu d-dar. Ommi taħdem darba iva u darba le f'ħanut, u llum inzertat id-dar. Missieri, li għadu kif spiċċa mix-xogħol, ma jafx joqgħod bi kwietu u dejjem għaddej. Daqqa fl-għalqa, daqqa jagħmel xi biċċa xogħol żgħira fid-dar ta' xi ħadd. Imma meta ommi tkun frank, f'nofsinhar dejjem imur id-dar biex jieklu flimkien. Meta dħalt, kien hemm riħa taqsam ta' patata l-forn, speċjalità ta' missieri. Kien iħobb iħawwarha b'ħafna klin maqtugħ frisk mill-għalqa. Dak il-ħin ir-riħa bħal qisha fakkritni f'riħa oħra … imma ma stajtx niftakar ta' xiex. Xi dwejjaq meta jiġrili hekk. Tant nittika ruħi li nibqa' nimpika miegħi nnifsi biex inħaffer fil-memorji moħbija fil-fond ta' moħħi.

Poġġejt magħhom mal-mejda, nhewden, im-

bagħad, f'salt wieħed, waqt li ommi bdiet taqleb u tqassam l-ikel fil-platt, u tiddiskuti ma' missieri kemm qed tkun baħħ il-Belt, ikklikkjali. Il-presepju! Il-presepju tal-klin! Hekk konna ngħidulu, jien u ħuti, għax missieri minflok is-sagħtar kien jimlieh milja friegħi tal-klin mill-għalqa. X'sar minnu dak, tassew? Kemm ilu ma jarmah!

Qtajtilhom diskorshom fin-nofs.

"Pa, dak il-presepju x'sar minnu?" staqsejtu.

"E?" staqsieni, iħares lejja qisni waqajt minn pjaneta oħra.

"Dak il-presepju ... tan-nannu," erġajt.

"Mhux hemm għadu?" weġibni.

"Hekk mur għidlu lil missierek ineħħih," qalet ommi.

"Imma ilek ma tarmah."

"B'daqshekk? X'se tivvinta issa?" kien pront ħatafni.

Sentejn ilu, kont investigajt sensiela t'artikli dwar negozjant magħruf Malti li kien biddel razzett viċin l-għelieqi ta' missieri f'villa villun. Hemm kien jagħmel festini bl-addoċċ, b'ħafna kbarat ikunu fost il-mistednin. Il-kelma kien ilha tiġri li dan il-pampalun kien qed imexxi d-droga minn hawn u fl-aħħar kien irnexxieli nsib xi nies li kienu lesti jikxfuh. Missieri, kif beda jaqra l-artikli tiegħi dwar

dan il-kapurjun, u ra r-ritratti li kont ħadt mill-għelieqi tagħna, ma waqafx jinkwieta li xi ħadd għad ipattihielna. Minn dakinhar baqa' dejjem qisu l-mismut kull meta jxomm li jien ġej b'ħafna domandi.

"U x'kull waħda pa, xi tridni nivvintalek, mhux fuq il-presepju qiegħed nistaqsik," għedtlu.

"X'tak għalih f'salt wieħed?" reġgħet ommi.

"U jien naf. Ftakart fih jien u dieħel ... naħseb ilek ma tarmah minn mindu jien u ħuti tlaqna mid-dar ... jaħasra ż-żgħar tiegħi u ta' ħuti qatt ma gawdewh."

Mifxul, missieri ħares minn taħt lejn ommi, biex jara x'se tgħid. Fejn jidħlu n-neputijiet, kienu lesti li jaqilbu d-dinja ta' taħt fuq biex jikkuntentawhom.

"U ajma ibni," kienet pronta ommi. "Il-presepju goff, u wara li weġġa' siequ aħjar ma jissugrax. Ma jmurx, ħeqq jien naf ... jitgerbeb xi waħda hu u nieżel bih?!"

"Mela, mela," kien pront missieri.

Oj. X'kien qed jiġri haw'? Ġieni s-suspett li ommi u missieri kienu qegħdin jaħbuli xi ħaġa. Arahom kif qed iħarsu lejn xulxin minn taħt.

"Ħmm. Jekk trid nista' nniżżlu jien," għedtilhom.

"Sam, jien vera spiċċajt mix-xogħol, imma tis-kanta, ma tantx insib ħin," qal missieri waqt li għaddieli platt bl-ikel.

"U iva pa, u dan kemm se ddum biex tarmah? Anzi tridx ngħid lit-tfal jiġu jgħinuk? Dawk jogħxew jagħmlu xi ħaġa magħkom!" Lgħabt il-karta tan-neputijiet.

"U iva, issa naraw," gemgem minn taħt l-ilsien missieri, u ntefa' jiekol.

"Kul Sam, għax jiksaħ. Imbagħad naraw," għalqet id-diskursata ommi.

Xejn ma niżlitli din. X'kienu qed jaħbu bejniethom dawn it-tnejn?